# L-EWKARISTIJA

## riflessjonijiet

**Terence Spiteri OSA**

**Malta**
**2013**



**L-istampi kollha f'dan il-ktejjeb huma meħudin mix-xogħlijiet ta' Marko Ivan Rupnik**

# L-EWKARISTIJA

riflessjonijiet

**Terence Spiteri OSA**

**Fl-okkażjoni**
**tad-don tas-saċerdozju**
**li rċieva**
**fit-3 ta' Lulju 2013**

*Grazzi lil Fr John Anthony Berry*
*għall-korrezzjonijiet tiegħu*
*u s-Sur Paul Ellul għall-qari tal-prova*

*Dawn ir-riflessjonijiet inkitbu*
*minn Fr Terence*
*waqt esperjenza missjunarja*
*f'Los Molinos, Argentina*
*matul is-sajf tal-2012.*

*Għażiż/a,*
*dawn ir-riflessjonijiet huma biss*
*kliem ħerġin minn qalbi u*
*nixtieq naqsamhom miegħek*
*biex permezz tagħhom*
*inkomplu ngħixu l-Ewkaristija.*
*Ħossok liberu/a li żżid magħhom*
*waqt il-mument ta' talb personali,*
*filwaqt li nissuġġerilek li tieqaf*
*wara kull ħsieb li jħeġġek tinżel iktar fil-fond.*

**Fr Terence Spiteri OSA**

# Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 4 |
| Għotja | 6 |
| Konverżjoni | 8 |
| Missjoni | 10 |
| Ġustizzja | 12 |
| Sejħa | 14 |
| Mixja | 16 |
| Qadi/Servizz | 18 |
| Sbuħija | 20 |
| Tama | 22 |
| Komunità | 24 |
| Ringrazzjament | 26 |
| Riflessjoni personali | 28 |

# Introduzzjoni



Mulej, meta niġi quddiem il-preżenza tiegħek fl-Ewkaristija, niftakar kemm għandi x'nirringrazzjak.

Niġi quddiemek u nkompli nirrifletti kulma tagħmel miegħi f'ħajti. Ta' dan infaħħrek u nirringrazzjak.

Nirringrazzjak Mulej tad-don tal-ħajja għaliex nista' nagħraf u napprezza xogħol idejk.

Nirringrazzjak Mulej tas-sejħa li għamiltli biex inqatta' ftit ħin miegħek. Ta' dan kollu Mulej m'għandix kliem biex infaħħrek u nirringrazzjak.

# Għotja



Mulej Ġesù,
għalik jien nagħti ħajti, ma stajtx tagħmel iktar milli għamilt meta bqajt preżenti magħna fl-Ewkaristija.

Il-kliem tiegħek "Dan hu ġismi, Dan hu demmi", isaħħuni. Fuq din l-għotja tiegħek infassal ħajti.

Dan kollu Mulej jgħinni niftakar dejjem iktar fl-għotja tiegħi lill-oħrajn, billi ma nqisx dak li hu tiegħi imma nħalli lilek taħdem fija biex ningħata għall-oħrajn; fl-esperjenzi sbieħ kif ukoll f'dawk mimlijin diffikultà u qtigħ il-qalb.

Mulej kun miegħi ħalli ningħata kollni kemm jien imqar għal persuna waħda.

# Konverżjoni



Meta nieqaf inħares lejn l-Ewkaristija, Mulej, ma nistax ma naħsibx fil-konverżjoni tiegħi matul ħajti, fil-bżonn li dejjem ninża' lili nnifsi.

Meta nħares lejn il-kobor tiegħek nintebaħ kemm għandi bżonn l-għajnuna tiegħek biex inkun nista' nkompli ningħaġen u ninbidel biex ħajti tkun iktar sabiħa f'għajnejk u iktar effettiva fl-oħrajn.

Ma nistax inqis lili nnifsi tajjeb jew li kapaċi ninbidel jew nibdel xi ħaġa fija mingħajr ma nkun umli u nitbaxxa quddiemek biex tkun int li taħdem fija.

Mulej idħol fija u ibdilni, għinni nagħraf il-dgħufijiet tiegħi u nibdel imqar waħda minnhom.

# Missjoni



Tant inti kbir u tagħmel miegħi għeġubijiet kbar li dawn il-ħwejjeġ ma nistax inżommhom għalija biss għaliex l-imħabba tiegħek tagħmel sens jekk tinqasam.

Ħudni Mulej fejn hemm nies li għandhom l-għatx għall-imħabba tiegħek, ħudni Mulej f'dawk l-artijiet missjunarji li ma semgħux bik però bis-sempliċità tagħhom qegħdin jgħixu mħabbtek b'mod speċjali fit-tbatija ta' kuljum kif ukoll fis-sagrifiċċji kbar li lanqas noħlom li nagħmel.

Ħeġġiġni dejjem iktar biex napprezza d-don tal-ħajja u naqsamha mal-oħrajn.

Fakkarni Mulej dejjem iktar fis-sabiħ tal-ħajja u kompli agħtini l-għajnuna u l-kuraġġ biex ngħin lil dawk li ma semgħux bik.

# Ġustizzja



Kif nista' niġi quddiemek fl-Ewkaristija jekk ħajti mimlija inġustizzja mal-oħrajn.

Int li taf kollox Mulej, għinni nagħraf dawn l-azzjonijiet tiegħi li ma jaqblux mal-imħabba tiegħek, ma jaqblux mad-don tal-magħmudija, dak l-istess don li jħeġġiġna ngħixu kuljum il-Ġustizzja u fuq kollox naħdem bis-sħiħ biex ma jkunx hawn inġustizzji fid-dinja.

Ma nistax inkun kuntent għax nara li l-inġustizzji tad-dinja mhux qiegħed nagħmilhom jien, għinni dejjem iktar Mulej biex niftakar kemm nista' naħdem kontra l-inġustizzja anke jekk għal xi ħaġa żgħira.

Mulej int kollok Ġustizzja, għinni nixbhek dejjem aktar fl-għemil tiegħi biex tidher fostna s-Saltna ta' Alla.

# Sejħa



Meta nkun quddiemek niftakar li dejjem issejjaħli.

Issejjaħli biex tlaqqagħni miegħek, issejjaħli biex turini min jien; issejjaħli biex tħeġġiġni dejjem iktar inwassal l-Aħbar it-Tajba mimlija kuraġġ u mħabba divina.

Is-sejħa li tagħmilli tħallini fil-libertà biex inwieġeb għaliha u ma nistax naħbilek u ma ngħidx li mhux dejjem kont kapaċi naċċetta din is-sejħa għaliex ħassejtni li m'iniex kapaċi jew forsi ma kontx lest nitlaq kollox u nimxi warajk billi nħalli ħajti f'idejk.

Iżda bl-umiltà kollha ngħidlek, "Hawn Jien Mulej, lest li nħalli ħajti f'idejk!"

Int li sejjaħt lit-tnax u bgħatthom tnejn tnejn, għinni nilqa' ta' kuljum is-sejħa tiegħek, mhux għalija iżda biex mal-oħrajn insib il-milja tagħha.

# Mixja



Il-bniedem ħlejqa tiegħek ma jista' qatt jifhem il-kobor tad-divinità tiegħek. Mhux faċli lanqas li nagħraf l-għażla divina tiegħek li tiċċekken għalina l-bnedmin, għalija li qiegħed hawn quddiemek.

Il-preżenza tiegħek fl-Ewkaristija tfakkarni dejjem li qatt ma nista' ngħid li wasalt, jew li naf kollox. Ħajti Mulej hija mixja kontinwa li dejjem tinsab bil-ġuħ u bl-għatx għall-Kelma tiegħek.

Bħal kull mixja oħra, ħajti mimlija tlugħ u nżul, sabiħ u ikrah, sħana u bard, bruda u ħeġġa! Madankollu jien noffrilek ħajti kif inhi, il-mixja tiegħi sa ma nkun nista' nifhem x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba tiegħek, Mulej.

Mulej, ħa jkunu s-sbuħija u l-preżenza tiegħek li jmexxuni biex inkompli ningħata f'ħajja ta' servizz u mħabba mimlija ferħ u entużjażmu.

# Qadi/Servizz



L-Ewkaristija Mulej, tistedinni biex ma naħsibx għalija biss imma fuq kollox li naqdi lil ħaddieħor.

L-imħabba li nirċievi permezz tal-Ewkaristija timlieni ħeġġa biex naqdi mingħajr ma nistenna xejn lura, biex ninsa lili nnifsi u ningħata kif jien lill-oħrajn.

Li naqdi jfisser li nagħti mingħajr ma nirċievi, imma mingħajr ma jistħoqqli, inkun qiegħed nirċievi l-imħabba tal-oħrajn.

Dan kollu jkompli jimlieni bl-enerġija u l-entużjażmu biex nibqa' nagħti bl-għajnuna u mmexxi mill-grazzja tiegħek.

Agħmilni nixbah dejjem iktar Mulej lil Marija li kienet l-ewwel qaddejja tiegħek meta aċċettat is-sejħa li għamiltilha permezz tal-anġlu, minkejja li ma fehmitx dak kollu li kien qiegħed jingħadilha u ħalliet f'idejk Mulej.

# Sbuħija



Mulej,
Inti ma tintemm qatt.

Is-sbuħija tiegħek twassalni biex nifhem ftit mill-kobor tiegħek u dan kollu nista' nagħmlu għax nara lilek f'ħaddieħor; fil-persuni kollha li niltaqa' magħhom u juruni l-imħabba tagħhom.

Għalik qatt mhu tard li nara s-sbuħija tiegħek, anzi iktar ma nagħrfek iktar inkun nista' nduq minn din is-sbuħija li ma tintemm qatt.

Mulej, qatt ma nista' naħseb li doqt is-sbuħija kollha tiegħek, ibqa' xennaqni dejjem iktar għal din is-sbuħija, permezz tal-preżenza tiegħek f'ħaddieħor ħalli nkun nista' ngawdik u ngħannqek għal dejjem fil-ħajja li ġejja.

# Tama



Kif niġi quddiemek Mulej fl-Ewkaristija, ħajti timtela bit-tama, tama li ma tintemm qatt minkejja li xi drabi minħabba d-dgħufija tiegħi niddubita minn din it-tama li tagħtini u naħseb li ser titlaqni waħdi.

It-tama li tiegħek mhix tama fiergħa jew superfiċjali imma fuq kollox hija tama għall-ħajja eterna, tama li l-ħajja tagħna bis-sagrifiċċji kollha tagħha ma tispiċċax hawn imma tkompli fil-ħajja ta' dejjem.

U din it-tama Mulej inħossha preżenti matul ħajti, inħossok tħaddanni u tagħmilli kuraġġ meta nkun ser naqta' qalbi, inħossok tgħidli "Qum u imxi, ħares 'il quddiem għax jien dejjem miegħek!"

Mulej, kun int it-tama tiegħi, kun int il-wens u l-kenn tiegħi, għaliex int biss tista' turini l-imħabba, int biss tista' tgħidli, 'jien dejjem miegħek sal-aħħar taż-żmien'.

# Komunità



L-aħħar ikla m'għamilthiex waħdek Mulej, miegħek kellek it-tnax-il dixxiplu!

Kif nista' qatt naħseb li l-Ewkaristija hija għalija biss jew xi ħaġa privata!

Meta niġi quddiemek Mulej, niftakar kemm il-komunità hija importanti u essenzjali fil-ħajja tiegħi għaliex tkompli tikxef is-sabiħ u l-inqas sabiħ tiegħi, permezz tal-oħrajn inkompli nikber fl-imħabba u fil-fidi, permezz tal-oħrajn inkompli nara l-kobor tiegħek Mulej, permezz tal-oħrajn nara d-diversità tal-karattri u kif flimkien kollha jistgħu jagħtu xi ħaġa lil xulxin.

Minkejja li nkun preżenti flimkien mal-oħrajn waqt l-Ewkaristija, mhux dejjem napprezza l-ġmiel tax-xirka flimkien!

Għinni int Mulej inkun iktar konxju tal-preżenza tal-oħrajn waqt l-Ewkaristija u matul ħajti kollha.

# Ringrazzjament



Dawn il-ftit riflessjonijiet Mulej, huma biss bħal qatra f'oċean biex ifaħħru l-kobor tiegħek.

Huma biss stqarrija ta' fidi kollha tama u mħabba li lesta biex taqdik, tfaħħrek u tirringrazzjak ta' kulma tagħmel miegħi matul ħajti.

Ħa tistrieħ qalbi fik Mulej, biex "ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu." *(Gal 3,20)*

Lilek tfaħħar u trodd ħajr bil-ferħ kollu.
Ammen.

# Riflessjoni personali

